**31 ta' Mejju, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Spiridione *sive* Spiru Tanti *sive* Tanti Costa u Alfred Scerri

**Rikors ta' Appell - Talba**

*In-nuqqas tat-talba fir-rikors ta' l-appell iġib kif dejjem ġie ritenut, in-nullità tar-rikors, liema nullità tista' u għandha tiġi ssollevata mill-Qorti* ex officio, *barra mill-parti.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tas-16 ta' Jannar, 1984 li biha sabet lill-imputat Tanti *sive* Tanti Costa ħati ta' serq ikkwalifikat bl-aggravji tal-valur u ħin imma mhux dak tal-lok (artikolu 274 (c), (f), 280, 283 tal-Kodiċi Kriminali u artikolu 293 (1), 22 u 32 (1)(b)(xi)(viii), (vii)(vi)(v)(iv) ta' l-istess Kodiċi) u b'hekk ħati ukoll ta' reċidiva f'serq (fol. 2, 3, 31, 34 u 81 tal-proċess u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija ta' sena dwar akkuża odjerna li tagħha instab ħati u kkundannatu ukoll lill-istess imputat Tanti *sive* Tanti Costa li jħallas fi żmien sena lir-Reġistratur nofs l-ispejjeż kollha in konnessjoni man-nomina

tal-periti f'dawn il-proċeduri ammontanti għal Lm8.25,0 u għalhekk Lm4.12,5;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu jidher li qed jitlob ir-riforma tad-dispositiv tal-piena;

Rat l-atti l-oħra kollha;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi għal dak li hu meritu stante dak li ser jingħad u għalhekk tanto per għandu jiġi rrilevat li fiċ-ċirkostanzi l-ilmenti ta' l-appellant mhumiex ġustifikati u ma jistgħux fi kwalunkwe każ jiġu akkolti;

Illi però mill-istess rikors ta' l-appell it-talba hi kompletament nieqsa u dan il-mankament iġib kif dejjem ġie ritenut in-nullità tar-rikors liema nullità tista' u għandha tiġi ssollevata mill-Qorti barra milli mill-parti;

Għal dawn il-motivi tiddikjara l-appell interpost bħala irritu u null u konsegwentement tastjeni ruħha milli tieħu aktar konjizzjoni ta' l-appell.